REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 466/2008

tat-28 ta' Mejju 2008

li jimponi rekwiżiti għall-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi u l-manifatturi ta' ċerti sustanzi ta' prijorità skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-relaturi maħtura mill-Istati Membri skond l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 ivvalutaw l-informazzjoni li taw il-manifatturi u l-importaturi dwar ċerti sustanzi ta' prijorità. Wara konsultazzjoni ma' dawk il-manifatturi u l-importaturi, ir-relaturi ddeterminaw li, għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju, jesiġu li dawk il-manifatturi u l-importaturi jressqu iktar informazzjoni u jagħmlu aktar testijiet.

(2) L-informazzjoni meħtieġa għall-valutazzjoni tas-sustanzi kkonċernati mhijiex disponibbli mingħand il-manifatturi jew l-importaturi ta' qabel. Il-manifatturi u l-importaturi vverifikaw, f'konformità ma' l-Artikolu 10(5) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93, li t-testijiet fuq l-annimali ma jistgħux jiġu sostitwiti jew illimitati bl-użu ta' metodi oħra.

(3) Għalhekk, huwa xieraq li l-manifatturi u l-importaturi ta' sustanzi ta' prijorità jintalbu jressqu iktar informazzjoni u jwettqu aktar testijiet fuq dawn is-sustanzi. Il-protokolli ppreżentati mir-relaturi lill-Kummissjoni għandhom jintużaw fit-twettiq ta' dawk it-testijiet.

(4) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-manifatturi u l-importaturi tas-sustanzi elenkati fl-Anness, li ppreżentaw l-informazzjoni skond ir-rekwiżiti ta' l-Artikoli 3, 4, 7 u 9 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93, għandhom jipprovdu l-informazzjoni u jwettqu t-testijiet indikati fl-Anness u jagħtu r-riżultati lir-relaturi relevanti.

It-testijiet għandhom isiru skond il-protokolli speċifikati mir-relaturi.

Ir-riżultati għandhom jingħataw fl-iskadenzi stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

ANNESS

Nru	Nru Einecs	Nru CAS	Isem tas-sustanza	Relatur	Ir-Rekwiżiti għall-Ittestjar/l-Informazzjoni	Il-limitu ta' żmien mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament
1	247-759-6	26523-78-4	Tris (nonylphenyl) phosphite	FR	Test tat-tossiċità akuta bid-Daphnia magna Informazzjoni fuq l-istruttura tat-TNPP Informazzjoni fuq is-solubbiltà fl-ilma Determinazzjoni tal-Log Kow Test ta' l-idrolisi Test tas-sediment bil-Lumbriculus variegatus Dejta ta' monitoraġġ għal siti bil-PEC/PNEC > 1 Test fuq medda twila ta' żmien tad-Daphnia, skond ir-riżultat tat-test tad-Daphnia akuta	4 xhur
2	237-410-6 239-148-8	13775-53-6 15096-52-3		DE	Informazzjoni fuq l-użi fil-ħoloq ulterjuri tal-katina Informazzjoni fuq l-emissjonijiet fil-kompartiment akkwatiku għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja Informazzjoni fuq l-emissjonijiet fl-atmosfera għall-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja Informazzjoni dwar l-ebusija ta' l-ilma ta' lqugħ għal 2 produtturi Informazzjoni dwar il-frazzjoni tal-cryolite fl-emissjonijiet ta' partikuli mill-fonderiji ta' l-aluminju Studju tat-taħlil	4 xhur
3	266-028-2	65996-93-2	Qatran, qatran tal-faħam, temperaturi għoljin	NL	Informazzjoni fuq il-ħruġ tas-16-il EPA PAHs fil-kompartimenti ambjentali differenti mill-użu tas-CTPHT fil-produzzjoni u l-użu tal-lega għall-briketti tal-faħam, tal-plattini u tal-protezzjoni mill-korrużjoni li tiflaħ għall-istrapazz	4 xhur
4	246-690-9	25617-70-8	2,4,4-trimethylpentene	DE	Informazzjoni dwar l-emissjonijiet mill-produzzjoni u mis-siti ta' l-ipproċessar fl-impjanti għat-trattament ta' l-ilma ta' skart, l-ilma tal-wiċċ u s-sediment. Test ta' l-inibizzjoni tar-respirazzjoni tal-ħama attivata (OECD 209) Test fuq medda twila ta' żmien tar-riproduzzjoni tad-Daphnia magna (OECD 211)	4 xhur
5	231-111-4 232-104-9 222-068-2 231-743-0 236-068-5	7440-02-0 7786-81-4 3333-67-3 7718-54-9 13138-45-9	Nikil Sulfat tan-nikil Karbonat tan-nikil Diklorur tan-nikil Dinitrat tan-nikil	DK	Test tat-tossiċità tas-sediment	12-il xahar
6	287-477-0	85535-85-9	Alkani, C_{14-17}, kloro;	UK	Studju tal-bijoakkumulazzjoni fil-ħut (OECD TG 305)	6 xhur
7	202-696-3	98-73-7	Nitrobenzene	DE	Test lokali tan-noduli limfatiċi (OECD TG 429/B42)	6 xhur
8	202-679-0	98-54-4	4-tert-butylphenol	NO	Informazzjoni dwar l-esponiment lokali fuq rilaxxi minn żewġ siti ta' l-ipproċessar (5&6°) fl-impjanti għat-trattament ta' l-ilma ta' skart u l-kompartiment akkwatiku (ilma frisk u ilma baħar)	4 xhur
9	200-915-7	75-91-2	(TBHP)	NL	It-tossiċità (teħid tan-nifs) ta' doża ripetuta (28 ġurnata) (OECD 412 8) analiżi COMET tat-tessuti respiratorji	12-il xahar 15-il xahar